# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta’ nhar it-Tlieta, 29 ta’ Settembru, 2015

**Talba Nru: 189/15 DMA**

**Mobisle Communications Limited**
**C 24655**

**Vs**

**Darmanin England Sant Fournier Sandra**
**(ID. 215263M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta attrici talbet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u wiehed u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€491.54) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40213853 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti immarkati Dok IZY1 u Dok IZY 2 -

prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY 3 - estratt mir-Registru Elettorali u Dok IZY 4 - kopja ta' ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellata sabiex thallas izda baqghat inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta, bl-ingunzjoni tal-konvenuta in subizzjoni.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Dehret Charmaine Wilfer ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta' erba' mija u wiehed u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€491.54) ghadu dovut fl-intier tieghu.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenuta thallas l-ammont ta' erba' mija u wiehed u disghin ewro u erbgha u hamsin centezmu (€491.54) bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentata sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tal-konvenuta.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**